



Ġabra tal-ġurisprudenza

SENTENZA TAL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla)

19 ta' Diċembru 2013*

“Taxxi interni — Artikolu 110 TFUE — Taxxa ta' reġistrazzjoni — Prodotti nazzjonali simili —
Newtralità tat-taxxa bejn vetturi bil-mutur użati importati u vetturi simili li diġà jinsabu
fis-suq nazzjonali”

Fil-Kawża C-437/12,

li għandha bħala suġġett talba għal deċiżjoni preliminari skont l-Artikolu 267 TFUE, imressqa mill-Gerechtshof 's-Hertogenbosch (il-Pajjiżi l-Baxxi), permezz ta' deċiżjoni tas-27 ta' Settembru 2012, li waslet fil-Qorti tal-Ġustizzja fl-1 ta' Ottubru 2012, fil-proċedura

X,

IL-QORTI TAL-ĠUSTIZZJA (It-Tmien Awla),

komposta minn C.G. Fernlund (relatur), President tat-Tmien Awla, li qed jaġixxi bħala President tal-Awla, A. Ó Caoimh u E. Jarašiūnas, Imħallfin,

Avukat Ġenerali: M. Wathelet,

Reġistratur: M. Ferreira, Amministratur Prinċipali,

wara li rat il-proċedura bil-miktub u wara s-seduta tad-19 ta' Settembru 2013,

wara li kkunsidrat l-osservazzjonijiet ippreżentati:

- għal X, minn M. de Jong, advocaat,
- għall-Gvern Olandiż, minn C. Schillemans, C. Wissels u M. Noort, bħala aġenti,
- għall-Gvern Finlandiż, minn J. Heliskoski, bħala aġent,
- għall-Kummissjoni Ewropea, minn C. Barslev kif ukoll minn R. Troosters u R. Lyal, bħala aġenti,

wara li rat id-deċiżjoni, meħuda wara li nstema' l-Avukat Ġenerali, li l-kawża tinqata' mingħajr konklużjonijiet,

tagħti l-preżenti

* Lingwa tal-kawża: l-Olandiż.

Sentenza

- 1 It-talba għal deċiżjoni preliminari tirrigwarda l-interpretazzjoni tal-Artikolu 110 TFUE.
- 2 Din it-talba tressqet fil-kuntest ta' kawża mibdija minn X, persuna ġuridika, dwar is-suġġett tat-taxxa fuq il-karozzi u l-muturi ("belasting personenauto's en motorrijwielen", iktar 'il quddiem il-"BPM") li hija kellha tħallas għar-reġistrazzjoni fil-Pajjiżi l-Baxxi ta' vettura bil-mutur li ġejja minn Stat Membru ieħor.

Il-kuntest ġuridiku

- 3 L-Artikolu 1 tal-Liġi tal-1992 dwar it-Taxxa fuq il-Karozzi u l-Muturi (Wet op de belasting personenauto's en motorrijwielen 1992), fil-verżjoni applikabbli għall-fatti fil-kawża prinċipali, jipprovdi:

"1. Il-karozzi, il-muturi u l-vetturi kummerċjali huma suġġetti għal taxxa msejħa '[BPM]'.

2. It-taxxa hija dovuta meta ssir ir-reġistrazzjoni ta' karozza, ta' mutur jew ta' vettura kummerċjali fir-reġistru maħruġ taħt il-Liġi dwar it-Traffiku tat-Toroq [Wegenverkeerswet] tal-1994.

[...]"

- 4 Mill-2006 sal-2009, il-BPM ġiet ikkalkolata, skont l-Artikolu 9 tal-Liġi BPM, abbażi ta' perċentwali tal-"prezz nett ikkatalogat" tal-vettura kkonċernata, suġġett għat-tnaqqis u għaż-żidiet deskritti f'din id-dispożizzjoni.

- 5 Fir-rigward tal-prezz nett ikkatalogat, l-Artikolu 9(3) u (6) tal-Liġi BPM jipprovdi:

"3. Prezz nett ikkatalogat ifisser il-prezz ikkatalogat li minnu titnaqqas it-taxxa fuq il-valur miżjud [...] inkluża f'dan il-prezz.

[...]

6. Rigward il-vetturi użati [...], il-prezz ikkatalogat applikabbli huwa dak fid-data li fiha l-vettura [...] intużat għall-ewwel darba. [...]"

- 6 Mill-1 ta' Frar 2008, il-bażi taxxabli tal-BPM inbidlet. Hija ma għadhiex ikkalkolata biss fuq il-prezz nett ikkatalogat, iżda tinkludi wkoll ammont li jiddependi fuq ir-rata ta' emissjoni ta' diossidu tal-karbonju (iktar 'il quddiem iċ-"CO₂"), imkejjel skont id-Direttiva tal-Kunsill 80/1268/KEE, tas-16 ta' Diċembru 1980, dwar l-approssimazzjoni tal-liġijiet tal-Istati Membri dwar il-konsum tal-karburanti mill-vetturi bil-magna (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 13, Vol. 6, p. 77). Għaldaqstant, fil-bażi taxxabli tal-BPM, il-parti relatata mal-prezz nett ikkatalogat gradwalment naqset favur il-parti relatata mar-rata ta' emissjoni ta' CO₂.

- 7 Matul is-snin 2006 sa 2009, il-perċentwali tal-prezz nett ikkatalogat meħuda inkunsiderazzjoni fil-bażi taxxabli tal-BPM kienu kif ġej:

— mill-2006 sal-31 ta' Jannar 2008: 45.2 %;

— mill-1 ta' Frar 2008: 42.3 %; u

— fl-2009: 40 %.

- 8 Matul il-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2009, minħabba dispożizzjonijiet tranżitorji, il-vetturi użati importati u rreġistrati matul dan il-perijodu, li ntużaw l-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar 2008, ma kinux suġġetti għall-BPM ikkalkolata abbażi tal-emissjonijiet ta' CO₂.
- 9 Mill-1 ta' Jannar 2010, il-BPM, ikkalkolata fl-istess ħin skont il-prezz nett ikkatalogat u r-rata ta' emissjoni ta' CO₂, tapplika għar-reġistrazzjoni tal-vetturi kollha, inklużi dawk li ntużaw l-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar 2008.
- 10 Fir-rigward tal-ammont tal-BPM għall-vetturi użati, l-Artikolu 10 tal-Liġi BPM jipprovdi:
- “1. [...] l-ammont tat-taxxa applikabbli [għall-vetturi] [...] huwa kkalkolat billi jittieħed inkunsiderazzjoni tnaqqis.
2. It-tnaqqis imsemmi fil-paragrafu 1 huwa d-deprezzament espress bħala perċentwali tal-valur ta' xiri fil-Pajjiżi l-Baxxi fid-data tal-ewwel użu tal-vettura. [...]
- [...]”
- 11 Il-Liġi BPM tagħti lill-persuna responsabbli għall-ħlas tat-taxxa d-dritt li tagħżel BPM imnaqqsa jekk l-ammont tal-BPM li kellu jiġi applikat matul l-ewwel użu tal-vettura fil-Pajjiżi l-Baxxi, bħala vettura ġdida, skont id-dispożizzjonijiet legali relatati mal-bażi u mar-rati tat-taxxa kif fis-seħħ f'din id-data, huwa inqas mill-ammont ikkalkolat għall-2010.

Il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari

- 12 Fil-11 ta' Jannar 2010, sabiex issir ir-reġistrazzjoni ta' karożza fil-Pajjiżi l-Baxxi, X għamel dikjarazzjoni relatata mal-BPM ta' ammont ta' EUR 5 776 u ħallas dan l-ammont. Il-vettura tqiegħdet fiċ-ċirkulazzjoni għall-ewwel darba fil-Ġermanja fit-30 ta' Mejju 2006 u għaldaqstant kellha pjanċa ta' reġistrazzjoni Ġermaniża.
- 13 X ressaq ilment kontra l-ammont tal-BPM dovut u mħallas. Peress li l-Voorzitter van het managementteam van het onderdeel Belastingdienst/Z van rijksbelastingdienst ċaħad din it-talba, X ippreżenta rikors quddiem ir-Rechtbank Breda. Din il-qorti laqgħet parzjalment ir-rikors u tat rimbors tal-BPM ta' ammont ta' EUR 1 233.
- 14 X ippreżenta appell quddiem il-Gerechtshof 's-Hertogenbosch kontra s-sentenza mogħtija mir-Rechtbank Breda. X iqis li għall-kalkolu tal-ammont tal-BPM dovuta, dan għandu jkun ibbażat fuq l-ammont tat-taxxa li tkun għadha imposta fuq il-vetturi użati simili rreġistrati matul il-perijodu bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2009, li fil-bażi taxxabli tagħha ma kinitx inkorporata l-parti relatata mal-emissjonijiet ta' CO₂. X b'hekk talab ir-rimbors tal-BPM imħallsa f'ammont ta' EUR 2 809.
- 15 X sostna li l-PBM hija inkompatibbli mad-dritt tal-Unjoni. L-ammont tagħha huwa oġġla minn dak li għadu jolqot il-vetturi użati simili użati għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar 2008 u li, kuntrarjament għall-vettura inkwistjoni, ġew importati u rreġistrati matul il-perijodu inkluż bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2009. Il-vetturi użati importati wara dan il-perijodu għandhom b'hekk jiġu ntaxxati b'mod iktar oneruż mill-vetturi komparabbli rreġistrati matul dan il-perijodu.
- 16 Il-Voorzitter van het managementteam van het onderdeel Belastingdienst/Z van de rijksbelastingdienst iqis li, għall-kalkolu tal-ammont tal-BPM dovut, dan għandu jkun ibbażat fuq l-ammont tat-taxxa li għadha imposta fuq vetturi simili li, bħall-vettura inkwistjoni, ġew użati għall-ewwel darba fl-2006 u li ġew irreġistrati bħala vetturi ġodda fil-Pajjiżi l-Baxxi matul din l-istess sena.

- 17 Il-qorti tar-rinviju għandha ċerti dubji dwar il-kompatibbiltà tal-BPM mal-Artikolu 110 TFUE. Hija tistaqsi jekk il-ġbir ta' din it-taxxa għar-reġistrazzjoni tal-vettura inkwistjoni fil-kawża prinċipali fir-reġistru għandu jiġi miċħud sa fejn dan jiddependi fuq l-emissjonijiet ta' CO₂. Hija tistaqsi wkoll jekk l-ammont tal-BPM mitlub għar-reġistrazzjoni ta' din il-vettura fl-2010 għandux jiġi mqabbel mal-ammont residwali ta' din it-taxxa, li għadu inkorporat fl-2010 fil-valur ta' vetturi simili, importati u rreġistrati fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2006 bħala vetturi ġodda, jew ukoll mal-ammont tal-imsemmija taxxa inkorporat fl-2010 fil-valur tal-vetturi li, bħall-imsemmija vettura inkwistjoni, kienu użati l-ewwel darba fl-2006 u sussegwentement ġew importati u rreġistrati bħala vetturi użati matul il-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2009.
- 18 Huwa f'dawn il-ċirkustanzi li r-Rechtbank 's-Hertogenbosch iddeċidiet li tissospendi l-proċedura u li taġmel is-segwenti domandi preliminari lill-Qorti tal-Ġustizzja:
- “1) Sabiex tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni, imqajma fil-kuntest tal-Artikolu 110 TFUE, ta' jekk l-ammont tat-taxxa dovuta fl-2010 mar-reġistrazzjoni tal-[vettura inkwistjoni] jaqbixx (jew le) l-ammont residwu tat-taxxa inkluża fil-valur tal-vetturi użati simili li jkunu diġà rreġistrati fit-territorju nazzjonali, għandhom jiġu kkunsidrati bħala simili għall-finijiet tad-determinazzjoni ta' dan l-ammont residwu:
- [vettura] komparabbli rreġistrata bħala karozza ġdida matul is-sena tal-ewwel użu tal-[vettura iniwstjoni] (2006), jew
 - anki l-vetturi (l-oħra) disponibbli fis-suq tal-vetturi użati fl-2010, u li, bħall-[vettura inkwistjoni], intużaw għall-ewwel darba fit-30 ta' Mejju 2006 u huma mill-bqija komparabbli, iżda ġew (importati u) irreġistrati bħala vetturi użati wara t-30 ta' Mejju 2006 (wara t-30 ta' Mejju 2006 sal-2009) u/jew :
 - anki l-vetturi (l-oħra) disponibbli fis-suq tal-vetturi użati fl-2010, u li, għall-kuntrarju tal-[vettura inkwistjoni], intużaw għall-ewwel darba wara t-30 ta' Mejju 2006, iżda huma mill-bqija komparabbli, u li ġew (importati u) irreġistrati bħala vetturi ġodda jew użati wara t-30 ta' Mejju 2006 (wara t-30 ta' Mejju 2006 sal-2009)?
- 2) Sabiex tinstab soluzzjoni għall-kwistjoni ta' jekk l-Artikolu 110 TFUE jipprekludixx il-ġbir tal-BPM mar-reġistrazzjoni [tal-vettura inkwistjoni], sa fejn din it-taxxa hija kkalkolata fuq il-bażi tal-emissjonijiet tas-CO₂ [...], din il-parti tat-taxxa għandha tiġi kkunsidrata bħala taxxa ġdida, li għandha tiġi distinta mill-BPM eżistenti sal-1 ta' Frar 2008 li kienet tiddependi biss mill-prezz [nett] tal-katalgu, b'tali mod li, sa fejn it-taxxa hija kkalkolata fuq il-bażi tal-emissjonijiet tas-CO₂, ma huwiex rilevanti paragun mal-karozzi użati (simili) irreġistrati qabel l-1 ta' Jannar 2010?
- 3) Jekk jitqies li ma hemmx taxxa ġdida fis-sens tat-tieni domanda: il-fatt li l-[vetturi] komparabbli għall-[vettura inkwistjoni], użati għall-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar 2008 u importati u rreġistrati bħala karozzi użati matul il-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2009, ma kinux suġġetti għat-taxxa kkalkolata fuq il-bażi tal-emissjonijiet tas-CO₂ [...], filwaqt li din it-taxxa kkalkolata fuq il-bażi tal-emissjonijiet tas-CO₂ kienet effettivament inġabret meta saret ir-reġistrazzjoni matul il-perjodu msemmi ta' [vetturi] użati għall-ewwel darba wara l-1 ta' Frar 2008, iżda li mill-bqija huma komparabbli mal-[vettura inkwistjoni], jipprekludi, skont l-Artikolu 110 TFUE, il-ġbir tal-BPM mar-reġistrazzjoni tal-[vettura inkwistjoni] fl-2010 sa fejn din it-taxxa hija kkalkolata fuq il-bażi tal-emissjonijiet ta' CO₂ [...]?”

Fuq id-domandi preliminari

- 19 Permezz tad-domandi tagħha, li għandhom jiġu eżaminati flimkien, il-qorti tar-rinviju essenzjalment tistaqsi, minn naħa, liema huma, għall-applikazzjoni tal-Artikolu 110 TFUE, il-prodotti nazzjonali simili, komparabbli ma' vettura użata li ntużat l-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar 2008 u li ġiet importata u rreġistrata fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2010, kif ukoll, min-naħa l-oħra, jekk l-Artikolu 110 TFUE għandux jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi taxxa bħall-BPM fis-seħħ fl-2010.

Il-prodotti nazzjonali simili

- 20 Preliminarjament, għandu jiġi rrilevat li taxxa miġbura minn Stat Membru meta jiġu rreġistrati fit-territorju tiegħu vetturi bil-mutur intiżi li jiċċirkulaw tikkostitwixxi taxxa interna u għaldaqstant għandha tiġi eżaminata fir-rigward tal-Artikolu 110 TFUE (ara, f'dan is-sens, is-sentenza tas-7 ta' April 2011, Tatu, C-402/09, Ġabra p. I-2711, punt 32 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 21 Dwar dan is-suġġett, għandu jifakkar li l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jipprekludi lil kull Stat Membru milli jimponi fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra taxxi interni oġġla minn dawk imposti fuq prodotti simili nazzjonali.
- 22 Barra minn hekk, għandu jifakkar li l-vetturi bil-mutur preżenti fis-suq fi Stat Membru huma "prodotti nazzjonali" tiegħu, fis-sens tal-Artikolu 110 TFUE (ara s-sentenza Tatu, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55).
- 23 Meta dawn il-prodotti huma mibjugħa fis-suq tal-vetturi użati ta' dan l-Istat Membru, dawn għandhom jiġu kkunsidrati bħala "prodotti simili" għall-vetturi użati importati jekk il-proprjetajiet u l-ħtiġijiet tagħhom jpoġġuhom f'relazzjoni kompetittiva. Il-grad ta' kompetizzjoni bejn żewġ mudelli jiddependi mill-mod kif jirrispondu għal rekwiżiti differenti, b'mod partikolari fil-qasam tal-prezz, tad-daqsijiet, tal-kumdità, tal-prestazzjonijiet, tal-konsum, tad-durabbiltà u tal-affidabbiltà. Il-vettura ta' riferiment għandha tkun dik li jkollha l-eqreb karatteristiċi għal dawk tal-vettura importata. Dan jimplika li jitqiesu l-mudell, it-tip u l-karatteristiċi l-oħra, bħalma huma l-mod ta' propulsjoni jew it-tagħmir, kemm hija antika kif ukoll il-kilometraġġ, il-kundizzjoni ġenerali jew il-marka (ara, b'mod partikolari, is-sentenzi tad-19 ta' Settembru 2002, Tulliasiamies u Siilin, C-101/00, Ġabra p. I-7487, punti 75 u 76, kif ukoll tal-20 ta' Settembru 2007, Il-Kummissjoni vs Il-Greċja, C-74/06, Ġabra p. I-7585, punti 29 u 37).
- 24 F'dan ir-rigward, għandu jiġi rrilevat li l-kriterji msemmija fil-paragrafu preċedenti la ġew elenkati b'mod komprensiv u lanqas b'mod imperattiv. Evidentement, il-vettura ta' riferiment tista' tvarja skont il-karatteristiċi proprji tal-vettura importata. Żewġ vetturi li għandhom l-istess data tal-ewwel użu mhux neċessarjament huma simili minħabba, pereżempju, differenza ta' użu. Hija l-qorti nazzjonali, meta tiegħu inkunsiderazzjoni karatteristiċi bħal dawk imsemmija fil-punt preċedenti, li għandha tiddetermina liema huma l-prodotti nazzjonali li għandhom karatteristiċi eqreb lejn dawk tal-vettura importata inkwistjoni.
- 25 Minn dan isegwi li l-prodotti nazzjonali simili, komparabbli għal vettura użata, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ntużat l-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar 2008 u li hija importata u rreġistrata fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2010, huma l-vetturi li huma diġà fis-suq Olandiż li għandhom l-eqreb karatteristiċi ma' dawk tal-vettura inkwistjoni.

Il-kompatibbiltà tal-BPM mal-Artikolu 110 TFUE

- 26 L-għan tal-Artikolu 110 TFUE huwa li jiżgura l-moviment liberu tal-merkanzija bejn l-Istati Membri f'kundizzjonijiet normali ta' kompetizzjoni. Huwa intiż sabiex ineħħi kull forma ta' protezzjoni li tista' tirriżulta mill-applikazzjoni ta' taxxi interni diskriminatorji fir-rigward tal-prodotti li joriġinaw minn Stati Membri oħra (sentenza Tatu, iċċitata iktar 'il fuq, punt 34 u l-ġurisprudenza ċċitata).

- 27 Għal dan il-għan, kif huwa indikat fil-punt 21 ta' din is-sentenza, l-ewwel paragrafu ta' dan l-Artikolu jipprekludi lil kull Stat Membru milli jimponi fuq il-prodotti ta' Stati Membri oħra taxxi interni ogħla minn dawk imposti fuq prodotti simili nazzjonali.
- 28 F'dan ir-rigward, għandu jinfakkar li hija ġurisprudenza stabbilita li sistema ta' tassazzjoni tista' tiġi kkunsidrata bħala kompatibbli mal-Artikolu 110 TFUE biss jekk jiġi stabbilit li topera b'mod li teskludi f'kull każ li l-prodotti importati jkunu ntaxxati b'mod iżjed oneruż mill-prodotti nazzjonali u, għalhekk, li f'ebda każ, ma għandha effetti diskriminatorji (sentenza tad-19 ta' Marzu 2009, Il-Kummissjoni vs Il-Finlandja, C-10/08, punt 24 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 29 Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà ddeċidiet li, fil-qasam tal-tassazzjoni tal-vetturi bil-mutur, din id-dispożizzjoni tat-Trattat hija intiża li tiggarrantixxi n-newtralità perfetta tat-taxxi interni fir-rigward tal-kompetizzjoni bejn prodotti li jinsabu diġà fis-suq nazzjonali u prodotti importati (sentenzi tal-11 ta' Diċembru 1990, Il-Kummissjoni vs Id-Danimarka, C-47/88, Ġabra p. I-4509, punt 9, u tad-29 ta' April 2004, Weigel, C-387/01, Ġabra p. I-4981, punt 66).
- 30 Il-Qorti tal-Ġustizzja ppreċiżat ukoll li, mill-ħlas ta' taxxa fuq ir-reġistrazzjoni fi Stat Membru, l-ammont ta' din it-taxxa jiġi inkorporat fil-valur tal-vettura. Għalhekk, meta vettura rreġistrata fl-Istat Membru kkonċernat sussegwentement tinbiegħ bħala vettura użata f'dan l-istess Stat Membru, il-valur kummerċjali tagħha, li jinkludi l-ammont residwali tat-taxxa fuq ir-reġistrazzjoni, ikun daqs perċentwali, iddeterminat mid-deprezzament ta' din il-vettura, tal-valur inizjali tagħha (sentenza tal-5 ta' Ottubru 2006, Nádasi u Németh, C-290/05 u C-333/05, Ġabra p. I-10115, punt 54).
- 31 B'hekk, hemm ksur tal-Artikolu 110 TFUE meta l-ammont ta' din it-taxxa imposta fuq vettura użata li ġejja minn Stat Membru ieħor jeċċedi l-ammont residwali tal-imsemmija taxxa inkorporat fil-valur tal-vetturi użati simili li diġà huma rreġistrati fit-territorju nazzjonali (sentenzi tad-9 ta' Marzu 1995, Nunes Tadeu, C-345/93, Ġabra p. I-479, punt 20; tat-22 ta' Frar 2001, Gomes Valente, C-393/98, Ġabra p. I-1327, punt 23; kif ukoll Tulliasiamies u Siilin, iċċitata iktar 'il fuq, punt 55).
- 32 Fil-fatt, jekk l-ammont tat-taxxa ta' reġistrazzjoni imposta fuq il-vetturi użati jeċċedi l-ammont residwali tiegħu inkorporat fil-valur tal-vetturi użati simili diġà rreġistrati fis-suq nazzjonali, dan jirriskja li jiffavorixxi l-bejgħ ta' vetturi użati nazzjonali u li għalhekk jiskoraġġixxu l-importazzjoni ta' vetturi użati simili.
- 33 Madankollu, l-Artikolu 90 KE ma huwiex intiż sabiex jimpedixxi lil Stat Membru milli jintroduċi taxxi ġodda jew milli jibdel ir-rata jew il-bażi taxxabli ta' taxxi eżistenti (sentenzi ċċitati iktar 'il fuq Nádasi u Németh, punt 49, kif ukoll Tatu, punt 50).
- 34 Madankollu, is-setgħa tal-Istati Membri fl-istabbiliment ta' taxxi ġodda jew il-modifika tar-rati jew tal-bażi taxxabli tagħhom diġà eżistenti ma hijiex illimitata. Il-projbizzjoni stabbilita fl-Artikolu 110 TFUE għandha tapplika kull darba li taxxa tkun tali li tista' tiskoraġġixxi l-importazzjoni ta' oġġetti li joriġinaw minn Stati Membri oħra għall-benefiċċju ta' prodotti nazzjonali (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Tatu, iċċitata iktar 'il fuq, punt 52 u l-ġurisprudenza ċċitata).
- 35 B'hekk, l-Istati Membri ma jistgħux jistabbilixxu taxxi ġodda jew jagħmlu modifiki f'dawk eżistenti li l-għan jew l-effett tagħhom ikun li jiskoraġġixxu l-bejgħ ta' prodotti importati favur il-bejgħ ta' prodotti simili disponibbli fis-suq nazzjonali u introdotti fih qabel id-dħul fis-seħħ tal-imsemmija taxxi jew modifiki (ara, f'dan is-sens, is-sentenza Tatu, iċċitata iktar 'il fuq, punt 53).
- 36 Fir-rigward tal-BPM, mill-proċess prodott quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li din it-taxxa hija dovuta u mħallsa biss fuq l-ewwel reġistrazzjoni ta' vettura fit-territorju Olandiż. Il-leġiżlazzjoni Olandiża ġiet emendata diversi drabi mill-2006. Qabel l-1 ta' Frar 2008, l-imsemmija taxxa kienet ikkalkolata biss skont perċentwali tal-prezz nett ikkatalogat. Minn din id-data, il-bażi tat-taxxa tagħha

inkludiet ukoll ammont li jiddependi fuq ir-rata ta' emissjoni ta' CO₂. F'din il-bażi tat-taxxa, il-parti relattiva tal-prezz nett ikkatalogat gradwalment naqas favur il-parti relattiva tar-rati ta' emissjoni ta' CO

2*

- 37 Kif ġie enfasizzat mill-Gvern Olandiż u mill-Kummissjoni Ewropea, kien jidher li, minkejja l-modifika magħmula għall-metodu ta' kalkolu tal-BPM, il-fatt li kkawżaha, jiġifieri l-ewwel reġistrazzjoni ta' vettura fit-territorju tal-Pajjiżi l-Baxxi, jibqa' l-istess, kemm qabel kif ukoll wara l-modifika inkwistjoni. F'din il-kawża, hija għaldaqstant l-istess taxxa bħal dik ta' qabel.
- 38 Anki jekk jitqies li hija taxxa ġdida, il-projbizzjoni li tinsab fl-Artikolu 110 TFUE, kif ġie rrilevat fil-punt 34 ta' din is-sentenza, tapplika kull meta taxxa interjuri ta' Stat Membru hija tali li tiskoraġġixxi l-importazzjoni ta' merkanzija li ġejja minn Stati Membri oħra favur prodotti nazzjonali simili.
- 39 Fil-kawża prinċipali, mill-proċess prodott lill-Qorti tal-Ġustizzja jirriżulta li l-vetturi użati li ntużaw l-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar 2008, iżda li ġew importati u rreġistrati fil-Pajjiżi l-Baxxi matul il-perjodu bejn l-1 ta' Frar 2008 u l-31 ta' Diċembru 2009 kienu, minħabba l-eżenzjoni fir-rigward tal-parti tal-BPM li tiddependi mir-rata ta' emissjoni ta' CO₂, suġġetti għal BPM inqas oneruża minn dik li għaliha ġew suġġetti vetturi użati simili, li ġew importati u rreġistrati mill-1 ta' Jannar 2010.
- 40 F'dan il-każ, jeżistu fis-suq nazzjonali vetturi użati simili komparabbli ma' dak inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li l-ammont residwali tal-BPM tagħhom li għadu inkorporat fil-valur tagħhom huwa inqas mill-ammont ta' din it-taxxa li hija imposta fuq il-vettura inkwistjoni.
- 41 Jekk dan l-aħħar ammont jeċċedi l-ammont residwali l-inqas baxx li għadu inkorporat fil-valur tal-vetturi użati simili diġà rreġistrati fit-territorju nazzjonali, allura ma huwiex stabbilit li l-Liġi BPM hija stabbilita b'mod li teskludi, fi kwalunkwe każ, li l-prodotti importati jkun ntaxxati b'mod iżjed oneruż mill-prodotti nazzjonali u, għaldaqstant, li hija ma għandhiex, f'ebda każ, effetti diskriminatorji.
- 42 Tali effetti diskriminatorji jistgħu jiġu evitati biss jekk huwa possibbli li jintgħażel l-ammont residwali tat-taxxa tar-reġistrazzjoni l-iktar baxx li għadu inkorporat fil-valur tal-vetturi użati simili diġà rreġistrati fit-territorju nazzjonali.
- 43 Hija l-qorti nazzjonali li għandha tivverifika jekk l-ammont tal-BPM impost fuq vettura użata, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, jeċċedix jew le l-ammont residwali l-iktar baxx ta' din it-taxxa li għadu inkorporat fil-valur ta' vetturi użati simili diġà rreġistrati fit-territorju nazzjonali.
- 44 Isegwi li l-Artikolu 110 TFUE jipprekludi taxxa bħal dik prevista mil-Liġi BPM, jekk u sa fejn l-ammont ta' din it-taxxa imposta fuq il-vetturi użati importati matul ir-reġistrazzjoni tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi jaqbeż l-ammont residwali l-iktar baxx tiegħu inkorporat fil-valur tal-vetturi użati simili diġà rreġistrati f'dan l-Istat Membru.
- 45 Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, għandha tingħata risposta għad-domandi magħmula li:
- għall-applikazzjoni tal-Artikolu 110 TFUE, il-prodotti nazzjonali simili, komparabbli għal vettura użata, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ntużat l-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar 2008 u li ġiet importata u rreġistrata fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2010, huma l-vetturi li huma diġà fis-suq Olandiż li għandhom l-eqreb karatteristiċi ma' dawk tal-imsemmija vettura inkwistjoni, u
 - l-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi taxxa, bħall-BPM, jekk u sa fejn l-ammont ta' din it-taxxa imposta fuq il-vetturi użati importati matul ir-reġistrazzjoni tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi jaqbeż l-ammont residwali l-iktar baxx tiegħu, inkorporat fil-valur tal-vetturi użati simili diġà rreġistrati f'dan l-Istat Membru.

Fuq l-ispejjeż

- 46 Peress li l-proċedura għandha, fir-rigward tal-partijiet fil-kawża prinċipali, in-natura ta' kwistjoni mqajma quddiem il-qorti tar-rinviju, hija din il-qorti li tiddeċiedi fuq l-ispejjeż. L-ispejjeż sostnuti għas-sottomissjoni tal-osservazzjonijiet lill-Qorti tal-Ġustizzja, barra dawk tal-imsemmija partijiet, ma jistgħux jitħallsu lura.

Għal dawn il-motivi, Il-Qorti tal-Ġustizzja (It-Tmien Awla) taqta' u tiddeċiedi:

Għall-applikazzjoni tal-Artikolu 110 TFUE, il-prodotti nazzjonali simili komparabbli għal vettura użata, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li ntużat l-ewwel darba qabel l-1 ta' Frar 2008 u li ġiet importata u rreġistrata fil-Pajjiżi l-Baxxi fl-2010, huma l-vetturi li huma diġà fis-suq Olandiż li għandhom l-eqreb karatteristiċi ma' dawk tal-imsemmija vettura inkwistjoni.

L-Artikolu 110 TFUE għandu jiġi interpretat fis-sens li jipprekludi taxxa, bħat-taxxa fuq il-karozzi u l-muturi ("belasting personenauto's en motorrijwielen") fis-seħħ fl-2010, jekk u sa fejn l-ammont ta' din it-taxxa imposta fuq il-vetturi użati importati matul ir-reġistrazzjoni tagħhom fil-Pajjiżi l-Baxxi jaqbeż l-ammont residwali l-iktar baxx tiegħu, inkorporat fil-valur tal-vetturi użati simili diġà rreġistrati f'dan l-Istat Membru.

Firem